## Daħla għar-Rapport Annwali tal-Kompetizzjoni 2024

### minn Teresa Ribera, Viċi President Eżekuttiv u Kummissarju għall-Kompetizzjoni

Għandi pjaċir nikkontribwixxi għall-ewwel darba b'daħla għar-Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni. Dan l-eżerċizzju annwali huwa opportunità biex nieħdu kont u nirriflettu, b'mod partikolari fil-bidu ta' mandat ġdid.

Qed niffaċċjaw l-isfida li nfasslu l-politika f'perjodu ta' inċertezza u volatilità profondi. Id-dinja li nafu tidher li qed tinbidel dejjem aktar minn jum għall-ieħor. Fl-istess ħin, il-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna daħlet fir-raba' sena tagħha, b'impatt profond ukoll fuq l-UE, mhux l-inqas minħabba l-użu tal-provvisti tal-enerġija bħala arma. F'dan l-isfond, irridu nindirizzaw b'mod urġenti l-kriżi klimatika u l-konsegwenzi tagħha, it-titjib fil-kompetittività tagħna u l-imperattiv li nsaħħu r-reżiljenza.

Dan jirrikjedi azzjoni deċiżiva biex nibnu ekonomija li tibqa' valida fil-futur li hija dekarbonizzata, reżiljenti, ġusta, u li toħloq impjiegi ta' kwalità. Ewropa li tixpruna l-prosperità għaċ-ċittadini u n-negozji tagħha u li tkun kompetittiva fix-xena globali.

L-UE qed tilqa' l-isfida. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Boxxla għall-Kompetittività, inizjattiva maġġuri li tipprovdi qafas strateġiku biex jiggwida l-ħidma futura tagħha. Integrali għall-implimentazzjoni ta' din il-Boxxla huwa l-Patt għal Industrija Nadifa: pjan ambizzjuż għall-Ewropa biex tnaqqas id-diskrepanza fl-innovazzjoni, tingrana d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità biex tixpruna t-tkabbir, tnaqqas id-dipendenzi eċċessivi u ssaħħaħ ir-reżiljenza. Dan il-pjan jibni fuq il-punti b'saħħithom tal-Ewropa, filwaqt li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, kompetittiva u inklużiva, filwaqt li jiżgura li l-bidla teknoloġika tagħti spinta lill-kompetittività tal-industriji tagħna.

Il-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar jikkontribwixxu biex jintlaħqu dawn l-objettivi. Filwaqt li nadattaw għar-realtajiet tas-suq, għandna nibqgħu sodi fuq il-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja, il-ftuħ u l-effiċjenza. B'dan il-mod, il-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar se jkomplu jikkontribwixxu għal futur aħjar għall-UE u ċ-ċittadini tagħha għal ħafna snin.

U kif dejjem ikun il-każ, meta niġu għall-ġejjieni, nibnu fuq il-ħidma li diġà nkisbet.

Taħt it-tmexxija tal-Viċi President Eżekuttiv Margrethe Vestager, il-Kummissjoni kisbet ħafna fl-2024. Dik is-sena kien hemm kisbiet importanti fir-rigward ta' Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs, Important Projects of Common European Interest). Approvajna l-ewwel IPCEI li appoġġa r-riċerka, l-innovazzjoni u l-ewwel użu industrijali ta' prodotti tal-kura tas-saħħa, kif ukoll proċessi tal-produzzjoni innovattivi tal-farmaċewtiċi. Barra minn hekk, approvajna żewġ IPCEIs għall-infrastruttura tal-idroġenu u l-mobbiltà tal-idroġenu, rispettivament. Dawn il-proġetti rivoluzzjonarji se jippermettu progress maġġuri f'dawn l-oqsma ta' riċerka u jipproduċu effetti konsegwenzjali pożittivi għall-UE kollha kemm hi.

Taqsimiet sinifikanti tal-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni tneħħew gradwalment matul l-2024, peress li kienu naqsu ħafna mill-effetti diretti u indiretti tal-azzjonijiet tar-Russja u l-ekonomija tal-UE wriet reżiljenza fid-dawl tax-xokkijiet imġarrba. Madankollu, il-Kummissjoni adottat 127 deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li

japprovaw miżuri nazzjonali nnotifikati minn 24 Stat Membru, b'mod partikolari taħt it-taqsimiet ta' tranżizzjoni tal-Qafas.

Fl-antitrust u l-kartelli wkoll, il-Kummissjoni kienet produttiva fl-2024, billi adottat għaxar deċiżjonijiet. Id-deċiżjonijiet tagħna dwar l-antitrust kienu jinkludu każijiet storiċi bħal *Mondelez, Vifor pharma*, *Teva Copaxone*, *Apple App Store Practices, Apple Pay* u *Meta Facebook Marketplace*.

Is-sena kienet impenjattiva wkoll għall-kontroll tal-fużjonijiet. L-għadd ta' fużjonijiet notifikati baqa' għoli, u adottajna 398 deċiżjoni dwar il-fużjonijiet, li minnhom 351 ġew issimplifikati. Tmien akkwiżizzjonijiet ġew ikklerjati b'impenji u ma kien hemm l-ebda projbizzjoni fl-2024.

Fl-2024, għamilna progress sinifikanti fl-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA, Digital Markets Act). L-ewwel sitt gwardjani ddeżinjati ppreżentaw ir-rapporti ta' konformità mad-DMA tagħhom f'Marzu 2024, li skattaw il-ftuħ formali ta' investigazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità kontra *Alphabet*, *Apple* u *Meta*. Aktar tard fis-sena, ftaħna żewġ settijiet ta' proċedimenti ta' nuqqas ta' konformità kontra *Apple* u wieħed kontra *Meta*. Barra minn hekk, iddeżinjajna lil *Apple* bħala gwardjan għas-sistema operattiva tagħha *iPadOS* għall-użu fl-*iPads*, u *Booking* bħala gwardjan għas-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha *Booking.com*.

Fl-2024, ħadna passi sinifikanti biex ninfurzaw ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin (FSR, Foreign Subsidies Regulation), li jipproteġi s-Suq Uniku minn sussidji distorsivi mogħtija minn pajjiżi mhux tal-UE. Matul is-sena, irċevejna 102 notifika ta' konċentrazzjonijiet u approvajna konċentrazzjoni proposta waħda soġġetta għal impenji. Fl-aħħar nett, bħala parti minn rieżami preliminari fil-qasam tat-tagħmir tas-sigurtà għall-ajruporti u l-portijiet, wettaqna l-ewwel spezzjoni għal għarrieda tagħna taħt l-FSR.

Din il-ħidma kollha saret flimkien ma' sforzi kontinwi biex nevalwaw u naġġornaw ir-regoli tal-kompetizzjoni, nissimplifikaw l-proċeduri tagħna, u nnaqqsu l-piż regolatorju għan-negozji.

Ser inkomplu fuq din it-triq fl-2025 u matul dan il-mandat. L-Ewropa qed tiddefinixxi l-mudell kummerċjali u soċjetali l-ġdid tagħha, abbażi tal-istat tad-dritt u ħerqana biex tiddefendi l-kompetizzjoni bħala parti essenzjali mill-bini ta' Suq Uniku li jkun nadif, ġust u kompetittiv.